Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8658 — UTC/Rockwell Collins)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 105/07)

1. Fit-12 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— United Technologies Corporation (l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Rockwell Collins Incorporated (l-Istati Uniti tal-Amerka),

United Technologies Corporation (UTC), takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Rockwell Collins Incorporated (Rockwell Collins) kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— UTC tipprovdi prodotti u servizzi ta' teknoloġija għolja għas-sistemi tal-bini u l-industrji ajruspazjali mad-dinja kollha. Il-grupp UTC jinkludi dawn l-unitajiet prinċipali tan-negozju: Otis Elevator Company, UTC Climate, Controls & Security, Pratt & Whitney, u UTC Aerospace Systems (UTAS).

— Rockwell Collins hija manifattur u fornitur ta' soluzzjonijiet tal-avjazzjoni u soluzzjonijiet integrati kemm għall-applikazzjonijiet kummerċjali u kemm dawk governattivi. Hija timmanifattura u tforni wkoll varjetà ta' prodotti tal-intern tal-kabini tal-ajruplani.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8658 — UTC/Rockwell Collins

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").